



Brussell, 7 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7219/24

LIMITE

EEE 9
CH 5
MI 240
RECH 95

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatati mas-suq intern, dwar ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni u dwar ftehim li jiffirma l-bażi għall-kontribut permanenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni

1. Fl-20 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹.
2. Il-proposta ġiet diskussa fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) tal-10 u t-23 ta' Jannar 2024, is-6 u l-14 ta' Frar 2024. Fil-5 ta' Marzu 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) qabel dwar is-sustanza tal-proposta.

¹ ST 17059/23 + ADD 1.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA u jistieden lill-Kunsill:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatati mas-suq intern, dwar ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni u dwar ftehim li jifforma l-bażi għall-kontribut permanenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni kif ukoll id-direttivi ta' negozjati, kif jinsabu fid-dokumenti 7031/24 + ADD1;
- jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjati fil-Ġurnal Uffiċjali, skont l-Artikolu 17(2)(b) tar-regoli ta' proċedura tiegħu;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament.